**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 52/2022 RM**

**Joseph Fenech**

**Alexandra Spagnol**

**-Vs-**

1. **Benny Dingli f'ismu proprju u f'isem u in rappreżentanza tal-Kamra ta' Nar tal-Imqabba (Tal-Ġilju)**
2. **Global Insurance Brokers Ltd (C9923) għal kull interess li jista' jkollha.**

**Illum, 3 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Joseph Fenech u Alexandra Spagnol fir-Reġistru fl-4 ta' Marzu 2022 fejn talbu illi l-konvenuti jiġu kkundannat jħallsu l-ammont ta' għaxart elef disa' mija u ħmistax-il Euro (€10,915), skont quote annessa u mmarkata bħala Dokument A, f'danni kkawżati, liema danni jirrapreżentaw ħsart li saru fir-raba' tagħhom fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħaż-Żabbar, kagun ta' gamar u murtal li waqa' mill-ħruq tan-nar li kkaġuna l-ħruq ta' tlett serer li jinsabu fl-istess raba' nhar il-11 ta'

Lulju 2021, liema fatti huma aħjar elaborati f'Dokument B anness, flimkien mal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi konsistenti f'telf ta' profitti tal-uċuħ tar-raba' tagħhom, għall-liema danni inthom unikament responsabbli. Bl-ispejjeż kontra l-intimati li min issa ngunti in subizzjoni, inklużi dawk tal-ittra legali datata 17 ta' Jannar 2022 u bl-imgħax legali fuq l-ammonti kollha li jiġu likwidati mill-11 ta' Lulju 2021.

Rat ir-Risposta ppreżenta mill-konvenut Benny Dingli fis-6 ta' April 2022 fejn ġie eċċepit:-

1. *Illi preliminarjament, l-atturi jeħtieġ illi jippruvaw li huma propjetarji flimkien tal-imsemmija raba, u humiex ilkoll ko-propjetarji tal-oġġetti li allegatament ġarrbu ħsara b'riżultat tal-ħruq, mertu tar-rikors tagħhom;*

2. *Illi sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom stante li l-fatti mertu ta' din il-kawża jikkostitwixxu aċċident li għalih m'għandhomx iwieġbu l-eċċipjenti;*

3. *Illi t-talbiet attriċi huma fattwalment abbużivi stante illi l-allegati ħsarat fir-raba u serer tal-attriċi kienu diġa eżistanti ferm qabel id-data indikata fir-rikors tal-atturi, u dan kif ser jigi ppruvat matul is-smiegħ tal-kawża;*

4. *Illi oltre minn hekk, t-talbiet attriċi huma abbużivi wkoll dawk għal dawk li huma allegati telf ta' profitti tar-raba, u dan kif ser jiġi ppruvat matul is-smiegħ tal-kawża;*

5. *Illi bħala stat ta' fatt l-esponenti ħa dawk il-prekawzjonijiet kollha neċessarji u possibbli sabiex jassigura illi ma ssirx ħsara fil-propjeta' madwar is-sit tal-ħruq, inkluż il-propjeta' indikata fir-rikors tal-atturi, u kif ukoll ġie assigurat li ma tħallewx ġamar jew kwalunkwe materjal ieħor li seta' jikkawża ħsarat fil-propjeta' indikata mill-atturi jew kwalunkwe propjeta' oħra fil-madwar.*

*Salv eċċezzjoniijiet ulterjuri permessibli mill-Liġi*

Rat ir-Risposta ppreżenta mis-soċjeta' konvenuta Global Insurance Brokers Ltd fit22 ta' April 2022 fejn ġie eċċepit:-

*Illi preliminarment, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni ohra l-intimata Global Insurance Brokers Ltd (C9923) m'hijiex il-legittima kontradottrici f'din il-kawza;*

*Illi sekondarjament, ir-rikorrenti jridu jippruvaw it-titolu taghhom fuq il-propjeta li fiha sehh l-incident, ossia it-titolu fuq ir-raba fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Haz Zabbar;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, irid jigi imfassal il-mod ta' kif gew kwantifikati d-danni mitluba, u mhux semplici stima, inter alia meta inxtrat l-allegata serra u dak kollu li seta inqered fin-nirien;*

*Illi fi kwalunkwe każ, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jresqu l-provi sabiex juru kif l-intimata setghet kienet responsabbli ghall-hsara in kwistjoni;*

*Illi finalment it-talba tar-rikorrenti hija infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandha tiġi miċħuda;*

*Salv kwalsiasi eċċezzjonijiet ulterjuri u permessi mill-liġi;*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti ngunti in subizzjoni*

Rat ix-xhieda u l-provi kollha, kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti ;

Rat l-atti kollha ;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tad-29 ta' Frar 2024;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Din hija azzjoni għall-ħlas tad-danni sofferti mill-atturi b'riżultat tal-ħruq li seħħ fir-raba' di proprjeta' tagħhom ġewwa Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Zabbar, liema ħruq allegatament seħħ bi ħtija tal-konvenuti jew min minnhom, minħabba sparar tal-murtali tan-nar minn lok viċin l-istess raba' fil-11 ta' Lulju 2021.

Illi qabel xejn għandha tiġi trattata u deċiża l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta li tikkontendi illi m'hijiex il-leġittimu kontradittur tat-talbiet tal-atturi.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi biex jigi stabbilit jekk parti ċitata fil-ġudizzju hijiex leġittimu kontradittriċi tat-talba, irid neċessarjament jiġi mistħarreġ jekk mad-daqqa t'għajn, il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li allegatament ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti, f'dan il-każ l-azzjoni għad-danni.

Kif ġie osservat fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar l-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet **Korporazzjoni Ghas-Servizzi ta' l-Ilma et vs Emanuel Grixti**:

"*... b'relazzjoni guridika wiehed necesarjament jifhem l-ezistenza ta' rapport bejn iz-zewg partijiet in virtu' ta' liema l-wiehed, kreditur ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu. Obbligazzjoni din li tista' tkun wahda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wiehed f'sens strett u jista' jkun jkollu ukoll dimensjoni aktar wiesgha.*"

Il-prova li jeżisti rapport ġuridiku bejn il-kontradittur u t-talba attriċi, tinkombi lill-attur li għandu l-oneru li jipprova b'mod sodisfaċjenti illi r-riżultat persegwit minnu bit-talba – li fil-każ in diżamina jikkonsisti fil-kundanna tas-soċjeta' konvenuta Global

Insurance Brokers Ltd għall-ħlas tad-danni - huwa msejjes fuq relazzjoni negozjali jew ġuridiku.

Fis-sentenza fil-każ **Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et**[1] deċiża fit-28 ta' Settembru 2016 il-Qorti qalet hekk:

"*Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:* ***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell:*
*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*"

Huwa minnu li teżisti relazzjoni kuntrattwali bejn il-konvenuti Benny Dingli u Tal-Ġilju Firework Factory, u s-soċjeta' konvenuta, stante illi fuq talba tagħhom din tal-aħħar ħadet ħsieb li ssib assiguratur li aċċetta li jassigura r-riskju tal-ħruq tan-nar, f'dan il-każ Lloyds of London, speċifikatament is-sindikat 2003, u konsegwentement ħareġ il-kopertura assigurattiva relattiva[2]. Iżda ma teżisti l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn l-atturi u s-soċjeta' konvenuta u lanqas jirriżulta li l-atturi għandhom relazzjoni ġuridika ta' xi xort'oħra mas-soċjeta' konvenuta. Mill-provi proċesswali huwa eskluż li s-soċjeta' konvenuta kellha xi involviment fl-event dannuż li allegatament ikkaġuna d-danni reklamati mill-atturi u l-fatt waħdu li l-persuna allegatament responsabbli għall-ħruq tan-nar huwa assigurat kontra r-riskju ta' danni

[1] Rik. Gur. Nru 700/14.
[2] Ara *cover note* Dok. AB1.

kkaġunati bil-ħruq tan-nar, mhux kapaċi jnissel xi obbligu da parti tal-assiguratur di fronte għad-danneġġjat.

Fil-fatt, l-uniku obbligu li jinkombi lis-soċjeta' konvenuta – kieku tassew kienet hi l-assiguratur ikkonċernat – ikun l-obbligu tal-indennizz tal-assigurat tagħha, il-konvenut Benny Dingli u l-kamra tan-nar rappreżentat minnu, iżda dan biss f'każ li jiġi riskontrat fl-aġir tal-assigurati xi responsabbilita' legali għad-danni naxxenti minn riskju assigurat, liema obbligu iżda, jitnissel di fronte għall-assigurat biss u żgur mhux di fronte għat-terz danneġġjat.

F'kull każ iżda, u fuq kollox, il-provi juru li l-assiguratur tar-riskju li jikkostitwixxi l-allegat event dannuż, m'huwiex is-soċjeta' konvenuta għaliex ma kienetx hi li impenjat ruħha għall-kopertura tar-riskju assigurat. Kif jirriżulta mix-xhieda ta' Alberto Bisazza[3], l-assiguraturi huma Lloyds of London li assenjat il-polza lis-sindikat tagħha XL Catlin Insurance Company UK Limited (UK Syndicate 2003), filwaqt li s-soċjeta' konvenuta hija awtorizzata biss toħroġ il-*cover notes* tal-poloz relattivi[4].

Għaldaqstant, din il-kumpannija ma tistax titqies li hija persuna idonea sabiex twiegeb għad-domandi tal-atturi kif proposti fir-Rikors promotur u m'hijiex għalhekk, legittimu kontradittur tal-istess talbiet. Konsegwentement, il-Qorti serja tilqa' l-eċċezzjoni ta' Global Insurance Brokers Ltd u tilliberaha milli toqgħod fil-kawża.

Ikkunsidrat;

Illi peress illi din hija azzjoni għad-danni, għandhom japplikaw il-prinċipji ġenerali ta' dritt li jinsabu enunċjati fil-Kodiċi Ċivili taħt it-titolu ta' "*Delitti u Kwazi Delitti*", senjatament il-prinċipju li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu[5].

[3] Ara wkoll Dok. AB1.

[4] Għandu jingħad ukoll illi mill-provi jirriżulta illi l-konvenut Benny Dingli bħala l-assigurat u l-persuna responsabbli skont il-liċenza għall-ħruq tan-nar, ma għamel ebda claim formali mas-soċjeta' konvenuta fir-rigward tal-ħsarat allegatament imġarrba mill-atturi b'riżultat tal-isparar tal-murtali u sal-lum qatt ma ġie mħallas l-*excess payment* skont il-polza.

[5] Artikolu 1031 Kap. 16.

Huwa aċċettat fil-ġurisprudenza in materja illi min ifittex għad-danni jrid jipprova l-kondotta kważi-delittwuża, ossia dak l-att jew ommissjoni kolpuża li tirradika l-ħtija[6]. B'żieda ma' dan, id-danneġġjat irid jipprova wkoll li dik il-kondotta kolpuża għandha konnessjoni intrinsika, ċioe' ness kawżattiv, ta` kawża u effett mad-danni sofferti[7]. Finalment, id-danneġġjat irid iressaq ukoll, naturalment, prova konkreta tad-danni jew ħsara sofferti[8].

In linea ta' prinċipju ġenerali, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Dr. Remigio Zammit Pace noe vs Reginald Fava et noe et**, deċiża fil-25 ta' Marzu 2004, qalet hekk:-

"*L-istess liġi hi mbagħad daqstant ieħor kategorika u ċara dwar il-punt illi "kull min ..... mingħajr ħsieb li jagħmel jew jonqos li jagħmel id-*doveri imposti mill-*liġi, huwa obbligat għall-ħsara li tiġi minn hekk". Tali prinċipji jabbraċċjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta'* omissjoni*. Kif intqal fil-kawża "*Bonnici vs Mizzi*", deċiża minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni għal dak li ntqal f'ġudikat anterjuri, "*Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene*" – Vol.XXIV.I.172.*"

Fil-fatt, l-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi illi:-

"*Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.*"

---

[6] Fir-rigward, ġie ritenut:- *"... l-kolpa fil-kaz ta` fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett"*[6].

[7] Ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142.

[8] Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Gauci et vs. Maria Borg Mizzi et noe**, deċiża 25.11.2004 qalet hekk in propositu, "*Fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew l-omissjoni tal-parti l-ohra, jehtieg li min jallega li garrab dannu jehtieg jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll li d-danni mgarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni*".

In materja ġie ritenut:-

"*Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib ħtija u responsabbilita fil-kondotta ta' ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza Ii tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.*"[9]

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi:-

Il-konvenut Benny Dingli huwa l-persuna li favur tagħha inħarġet il-liċenzja għall-ħruq tan-nar mill-Kummissarju tal-Pulizija, għall-festa tal-knisja parrokkjali tal-Fgura f'Lulju 2021 u *ex admissis* ukoll il-persuna responsabbli għall-organizzazzjoni u l-ħruq tan-nar inkluz fil-11 ta' Lulju 2021 meta sar l-inċendju fl-għalqa mertu tal-kawża, ġewwa Ħaż Żabbar;

Il-konvenut kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni biex jaħraq in-nar fil-11 ta' Lulju 2021 għal ħin li ma jeċċedix siegħa, u kien awtorizzat li jaħraq in-nar ġewwa Triq il-Kunsill tal-Ewropa fl-istess data fil-ħin tad-9.00 a.m., f'nofsinhar u fis-7.00 p.m.

---

[9] **David Brincat et v. Francis Sammut et** – konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-17.2.2022.

Illi fil-11 ta' Lulju 2021 il-konvenut Benny Dingli spara tliet bombi tal-murtali u tliet murtaletti għall-festa tal-Fgura minn ġewwa Triq il-Kunsill tal-Ewropa, fl-istess post fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħaż Żabbar fejn n-nar dejjem jinħaraq kull sena [10].

Il-*firing area* kien fiha *radius* ta' mitejn metru, liema żona tinsab indikata fil-mappa Dok. BG2 li ntbagħet lill-Pulizija mill-Awtorita' tal-Ippjanar. Mix-xhieda jirriżulta li n-nar kien qed jinħaraq biss madwar tletin jew erbgħin metru 'l bogħod mill-għalqa li qabdet[11], li jfisser illi din l-għalqa kienet tinsab ġewwa l-konfini tal-*firing area*. Din l-għalqa bis-serer ġo fiha, kif ukoll il-lok tal-ħruq tan-nar, jinsabu indikati wkoll fuq ir-ritratt mill-ajru Dok. IG1, fejn bi qbil bejn il-partijiet, is-salib blu jirrappreżenta il-lok tal-ħruq tan-nar.

Mix-xhieda tal-atturi jirriżulta illi mhux l-ewwel darba li ġew ikkaġunati xi ħsarat għad illi minimi, fl-għalqa in diżamina minħabba l-ħruq tan-nar mill-konvenut fil-festa tal-Fgura;

Skont il-konvenut Benny Dingli, fil-11 ta' Lulju 2021 in-nar inħaraq bejn il-ħin ta' nofsinhar u 12:10hrs u Triq il-Kunsill tal-Ewropa ingħalqet sal-12.15 p.m.[12], filwaqt li uffiċjali tal-LESA kienu mħallsin san-12.30 pm biex jidderieġu traffiku minħabba l-egħluq tal-istss triq[13]. Il-konvenut xehed ukoll li kien dar waħdu ir-raba' tal-madwar wara li kienu ġew sparati l-murtali kollha, biex jara kienx hemm ġmamar jew fdalijiet tal-murtali, iżda ma ra xejn. Dan kollu għamlu f'temp ta' għoxrin minuta.

Anthony Azzopardi lemaħ in-nirien jaqbdu fl-għalqa fejn hemm is-serer, u dan għall-ħabta tal-12.30 p.m. jew 12.45 p.m. iżda żgur mhux iktar tard mis-1.00 p.m., meta kien għaddej mit-triq. Huwa xehed illi dakinhar kien hemm il-logħob tan-nar tal-festa tal-Fgura u kienu qed jisparaw il-kanen tal-murtali madwar 40 metru mill-għalqa fejn kien hemm is-serer u dak il-ħin li ra n-nar, diġa' kien hemm daħna u s-serer jaqbdu;

---

[10] Xhieda ta' Kennth Debono, paġna 120 tal-atti tal-kawża, u xhieda tal-konvenut Benny Dingli, paġna 130.
[11] Ara xhieda ta' Alexandra Spagnol u Anthony Azzopardi.
[12] Ara Dok. BD3 f'paġna 143 tal-atti tal-kawża.
[13] Dok BD2, paġna 140 tal-atti tal-kawża, u Dok. BD3.

L-atturi ġew mgħarrfa bil-ħruq mill-istess Anthony Azzopardi fil-1:15 p.m. u waslu fuq il-post ftit minuti wara;

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ġie mgħarraf bil-ħruq fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa bejn l-12.50 p.m. u 1.10 p.m. u ntbagħtu żewġ pompiera f'vettura waħda tat-tifi tan-nar.

Ikkunsidrat;

Illi l-indaġini li trid issir hi dik li tistabbilixxi jekk il-konvenut Benny Dingli għandux jitqies fi ħtija għall-ħsara u telf subiti mill-atturi, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji ta' dritt in materja, traċċati iktar qabel, u sussidjarjament, jekk tinsab li tassew kien fi ħtija, li jiġu kwantifikati d-danni subiti.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi huwa indiskuss illi min iżvolġi attivita` li min-natura stess tagħha titqies perikoluża, bħal fil-każ tal-ħruq tal-logħob tan-nar, jinħtieglu juri li ħa ħsieb japplika miżuri idonei u l-prekawzjonijiet kollha neċessarji biex tiġi evitata l-ħsara. L-oneru ta' prova bħal din jinkombi f'dan il-każ lill-konvenut Benny Dingli li organizza u wettaq din l-attivita' u kien ukoll il-persuna responsabbli skont il-liċenza u l-oneru huwa wkoll wieħed rigoruż. Kemm hu hekk, biex jinħeles mir-responsabbilita', jinħtieġ li jintwera b'mod pożittiv illi l-konvenut aġixxa b'attenzjoni massima u l-ikbar prudenza biex jilqa' kontra konsegwenzi dannużi u jwarrab kemm jista' jkun il-possibilita' ta' dannu għal persuni jew għal proprjeta.

Għalhekk, il-fatt waħdu li l-konvenut kien kiseb l-awtorizzazzjonijiet kollha neċessarji skont il-liġi biex iwettaq din l-attivita' riskjuża, segwa r-regolamenti u kien ukoll assigurat kontra l-ħsarat ikkaġunati lil terzi b'riżultat tal-istess attivita', m'huwiex biżżejjed biex jiskolpah mill-ħtija għad-danni.

Il-konvenut jikkontendi illi l-atturi naqsu milli jressqu provi biżżejjed biex jiġi stabbilit ness kawżali konvinċenti bejn il-ħruq tan-nar mill-konvenut u n-nirien li kebbsu fl-għalqa maħduma mill-atturi u li kkaġunaw id-danni.

Iżda l-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-atti u l-provi, tqis illi m'huwiex rejalistiku l-ipotesi illi l-attivita' tal-isparar tan-nar li kien responsabbli għaliha l-konvenut, ma kellhiex x'taqsam mal-ħruq tal-għalqa u s-serer li kienu jinsabu biss ftit metri 'l bogħod, ħruq li seħħ biss ftit tal-ħin wara li kien spiċċa l-isparar tal-murtali. Ibda biex il-konvenut innifsu, bħala responsabbli mill-ħruq tan-nar, kien ben konxju mill-perikolu tal-ħruq fl-għeliqi tal-madwar, tant illi xehed illi qabel jibda jinħaraq in-nar idur dawra "*biex jara hemmx xi farmers ġor-raba' ma jmorrux ikunu ta' danger għal x'ħin naħarqu*" u dejjem imur ħdejn razzett partikolari fl-akkwati biex jekk jaqa' xi ħaġa javżawh. Xehed ukoll illi wara li jlestu mill-isparar, kien idur dawra bil-*fire extinguisher* biex jara jsibx xi ġmamar qed jaqbad, kif del resto għamel ukoll fil-11 ta' Lulju 2021 fejn kien addirittura niżel fejn is-serer fir-raba' biex jara hemmx ġamar.

Għandu jingħad ukoll illi, kif diġa' ngħad, il-*fire range* tal-murtali li kienu qed jiġu sparati mill-konvenut fil-11 ta' Lulju 2021, kien mifrux fuq żona li tinsab immarkata fuq pjanta uffiċjali (Dok. BG2) b'radius ta' 200 metru u kwindi ta' arja superfiċjali ta' iktar minn mitt elf metru kwadru (*radius* ta' 200 metru) - żona li l-Qorti fehmet illi tkun l-iktar esposta għal riskju ta' dannu – filwaqt li l-għalqa li qabdet kienet tinsab sfiq ġewwa l-perimetru tal-istess *fire range.*

Dan kollu jfisser illi r-riskju ta' ħruq fir-raba' tal-madwar kien manifestament prevedibbli. In-ness bejn l-event dannuż ossia l-isparar tan-nar minn lok li jinsab biss mitt pied 'il bogħod mill-lok tal-ħruq u biss ftit tal-ħin qabel intlemaħ in-nar ikebbes fl-għalqa, ukoll huwa stabbilit suffiċjentement miċ-ċirkostanzi tal-prossimita' ta' ħin, il-prossimita' tal-għalqa mal-lok tal-ħruq tan-nar[14] u l-kundizzjonijiet ta' temp u nixfa tal-għalqa. Dan qed jingħad ukoll minħabba l-fatt illi ebda ħjiel ta' xi ipotesi

[14] Ara sinjali fuq ir-ritratti meħud mill-ajru Dok. IG1, u s-serer li jidhru fl-istess ritratt.

alternattiva dwar x'seta' kien il-kaġun tal-ħruq, m'hu rikonstrabbli mill-ġabra tal-provi.

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit dan in-ness, il-Qorti tqis ukoll illi biex jinħeles mir-responsabbilita' għall-ħruq fl-għalqa u d-danni riżultanti, il-konvenut jeħtieġlu tabilħaqq juri pożittivament illi wara l-ħruq tal-piroteknika huwa kien ħa ħsieb jiġbor l-oġġetti li jaqgħu u l-ġamar u jitnaddaf fejn ikunu waqgħu oġġetti relatati mal-ħruq tan-nar. Wara kollox, ir-riskju tal-isparar tal-murtaletti u bombi fl-inħawi fejn jirriżulta li hemm ħafna raba' u kwindi l-perikolu ta' ħruq fir-raba', huwa mhux biss riskju inerenti fl-attivita' intrapriza mill-konvenut iżda wkoll obbligu impost mil-liġi nnifisha fir-regolament 17 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 33.03[15]:-

*"Id-detentur tal-liċenza biex jaħraq ix-xogħlijiet tan-nar* ***għandu jagħmel dak kollu li jkun meħtieġ sabiex isib u jneħħi mill-inħawi ta' madwar il-post tal-ħruq, dawk l-oġġetti kollha ta' xogħlijiet tan-nar li ma jkunux ħadu jew splodew kif ukoll kull materjal ieħor li jirriżulta mill-ħruq ta' dawk ix-xogħlijiet tan-nar."*** (enfasi tal-Qorti)

Iżda fil-fehma tal-Qorti, l-assjem tal-provi juri li minkejja r-riskju intrinsiku ta' ħruq bl-isparar tal-bombi u l-murtali, il-konvenut ma kienx ħa l-miżuri u prekawzjonijiet kollha meħtieġa biex fis-sħana u n-nixfa tas-sajf, jiġi evitat ir-riskju ta' nar jaqbad fir-raba' li jaqa' fil-parametri tal-*fire range*, u l-ħsarat konsegwenzjali, minkejja wkoll l-fatt illi, kif rajna diġa', il-konvenut kien konxju illi l-post fejn isir l-isparar tal-murtali huwa ċirkondat bir-raba' u dan ir-raba', skont kif xehed hu stess, kien kollu niexef.

Dan qed jingħad għaliex il-konvenut Benny Dingli xehed illi wara li kien lest mill-isparar tal-bombi, kien dar l-akkwati **waħdu** f'temp ta' għoxrin minuta biss. Il-Qorti ma taqbilx mat-teżi tal-konvenut illi l-fatt illi sal-12.30 p.m. huwa ma kienx ra ġamar

[15] Regolamenti dwar Kontroll ta' Xogħolijiet tan-Nar u Esplożivi Oħra, Avviż Legali 243 tal-1998.

jew nar, ifisser li huwa eskluż l-ipotesi li l-għalqa kienet diġa' qed taqbad dak il-ħin jew li n-nar li qabad fis-serer kien ġej mill-isparar tal-murtali li kien ilu li spiċċa fil-12.15 p.m. Għall-kuntrarju, tqis illi l-fatt illi l-konvenut ma rax nar jew ġamar fl-għoxrin minuta li dam idur fl-akkwati wara li kien spiċċa mill-isparar, jista' jfisser biss illi huwa ma kienx għamel spezzjoni kif imiss.

Fir-rigward, issir riferenza għax-xhieda ta' Anthony Azzopardi li xehed b'mod mhux kontradett li huwa għadda ħdejn l-għalqa maħduma mill-atturi għall-ħabta ta' bejn l-12.30 p.m. u l-12.45 p.m. u dak il-ħin in-nar kien diġa' nfirex tant illi kien hemm daħna u ma setax jara s-serer sewwa biex jara kemm kienu qabdu. Għall-Qorti dan ifisser li n-nar ma kienx għadu kif qabad dak il-ħin u kien diġa' ilu ftit tal-ħin qed jinfirex. Fil-fatt, sakemm waslu l-pompiera fuq il-post, anke qabel waslu l-atturi[16], iż-żewġ serer kienu kollha maħruqin u kompletament distrutti tant illi l-ħadid kien imdewweb, u jirriżulta li damu b'kollox madwar 50 minuta sħaħ biex jitfu n-nar.

Għaldaqstant, hija l-fehma tal-Qorti illi jekk tassew il-konvenut Benny Dingli għamel sal-12.30 p.m. idur l-akkwati tal-ħruq tan-nar u jfittex bir-reqqa għal xi ġmamar jew nar, ma setax ma jinnotax in-nar jaqbad jew fl-agħjar ipotesi għalih, jibda jaqbad fl-għalqa in diżamina. Fil-fatt, mhux eskluż illi l-ġmamar li kebbsu n-nar, qabdu fil-ħaxix f'wiċċ ir-raba' u mbagħad infirex għall-serer, u mhux bil-fors kienet il-kopertura tal-pastik tas-serer li qabad l-ewwel b'mod li dan seta' jintlemaħ faċilment.

L-affermazzjonijiet tal-konvenut li "*żgur, żgur, żgur li ma ħallejtx nar warajja*" u "*Ta' kulħadd jiena nittawwal naqbeż, nitla' maċ-ċint nara x'hemm hemm*" m'humiex biżżejjed biex iservu bħala prova ta' teħid ta' prekawzjonijiet u miżuri idonei biex jiġi evitat il-perikolu tal-ħruq. Il-Qorti tirribadixxi illi l-fatt li huwa ma kienx ra nar jista' jfisser biss li mhux minnu li dar dawra bir-reqqa jew għal biżżejjed ħin fir-raba' tal-akkwati wara l-ħruq tan-nar, jew inkella illi l-ispezzjoni tiegħu kienet superfiċjali jew ristretta wisq biex jintebaħ bin-nar li dak il-ħin kien evidentement, qed jibda jaqbad fl-għalqa maħduma mill-atturi. Għall-Qorti huwa oġġettivament impossibbli li l-

[16] Ara xhieda ta' Ronnie Celeste, 6 ta' Ottubru 2022.

konvenut seta' spezzjona waħdu[17] b'mod sħiħ żona ta' tant kobor kif indikat fil-pjanta Dok. BG2, f'ħin daqshekk qasir, wisq inqas seta' wettaq din l-ispezzjoni bil-galbu.

Ma jridx jintesa wkoll illi l-atturi li xehdu illi meta waslu fuq il-post ftit wara l-1.15 p.m. kienu sabu biċċiet mill-murtali qed jisparaw u l-materjal li jaqa' mill-murtali fl-għalqa, fosthom karti, fdalijiet tal-murtali li ma ġewx miġbura mill-organizzaturi tan-nar. Xehdu illi l-organizzaturi kienu ġew jiġbruhom mill-għalqa biss filgħaxija wara li ġew sparati l-murtali fis-6.00 p.m. Joseph Fenech xehed ukoll li għalkemm l-isparar tal-murtali dejjem isir kull sena mill-istess lok, il-konvenut qatt ma kien jiġi jiġbor il-fadlijiet tal-murtali u jnaddaf l-għalqa u mhux l-ewwel darba li sab ħofra jew il-pajpijiet tad-drip imtaqqbin b'xi murtal li jkun ħa fl-għalqa.

Minn dan kollu, il-Qorti hija sodisfatta li l-fatt li pproduċa l-ħsara fl-għalqa huwa identifikat fl-attivita' piroteknika mwettqa mill-konvenut u huwa riskontrabbli b'mod oġġettiv, adegwat u konvinċenti mill-ġabra tal-provi, ness ta' kawżalita' ta' fatt konkret bejn il-kondotta tal-konvenut fit-twettiq tal-attivita' perikoluża u l-inċendju fl-għalqa mertu tal-kawża, ċioe' l-event dannuż, liema event dannuż kien ukoll ben prevedibbli. Tqis ukoll bħala insuffiċjenti biex inaqqas mill-konvinċiment tagħha l-fatt illi fil-ħin relevanti, ir-riħ ma kienx qed jonfoħ b'xi qawwa u seta' ma kienx qed jonfoħ fid-direzzjoni preċiża iżda biss f'direzzjoni ġenerali tas-serer li nħarqu (ara pjanta Dok. IG1).

Magħdud dan kollu il-fatt illi ma jirriżulta minn imkien mill-provi illi kien hemm il-brigata tan-nar u vettura tat-tifi tan-nar fuq *stand-by* fuq il-post, minkejja li din kienet waħda mill-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni biex jitnaqqas kemm jista' jkun l-inċidenza tal-avverament tar-riskju assigurat. Dan jirriżulta mix-xhieda ta' Anthony Azzopardi li xehed illi meta ra l-għalqa taqbad, fittex biex jara kienx hemm *fire engine* fuq il-post iżda ma kienx hemm u baqa' sejjer għand is-sidien tal-għalqa biex javżahom bil-ħruq. Anke l-konvenut stess jistqarr fix-xhieda tiegħu illi ma kienx hemm *fire engine* fuq *stand-by* meta nħaraq in-nar f'nofsinhar fil-11 ta' Lulju 2021 u

[17] Il-konvenut xehed li dar kullimkien waħdu.

dan għaliex *"kien hemm biss ftit nar"* u hija "*proċedura*" li l-vetturi tat-tifi tan-nar ma jiġux meta n-nar jinħaraq filgħodu u f'nofsinhar iżda jiġu biss filgħaxija. Fil-fatt, jirriżulta illi l-pompiera u l-vettura tat-tifi tan-nar intbagħtu fuq il-post tal-ħruq biss wara illi l-Control Room kien irċieva, għall-ħabta ta' bejn 12:50 hrs u 13:10hrs, telefonata li kien hemm għalqa qed tinħaraq. Il-pompiera wkoll xehdu illi meta waslu fuq il-post ma kien hemm ħadd u kienu l-ewwel li waslu fuq il-post.

Fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Michael D'Amato bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu John D'Amato v. Filomena armla ta' Joseph Spiteri et**, ingħad:-

*Jidhru, imbaghad, skond id-duttrina legali illi jezistu kriterji ohra li jaghmlu riferiment ghall-element tar-riskju. Jekk il-kolpa tikkostitwixxi l-element karatterizzanti ta' l-illecitu, huma rikonoxxuti u accettati wkoll aspetti ta' responsabilita` specjali in rigward ghall-evitabilita` tal-hsara. Jinghad a propositu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Annunziato D'Amato et –vs- Joseph Camilleri et**", Appell Civili, 3 ta' Marzu 1958 illi "meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min ghamel dak l-att hija assoluta; u min irid jehles minn dik ir-responsabilita` hu tenut jipprova, jew il-fatt tat-terz jew il-vis major;"*[18]

Imbagħad, fis-sentenza iktar riċenti mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited et v. Raymond Bugeja et**, ġie ritenut:-

*"Illum il-ġurnata min jaħraq il-logħob tan-nar huwa marbut b'regolamenti ferm aktar stretti minn qabel, bl-obbligi ta' kopertura b'polza tal-assigurazzjoni bħala kundizzjoni assoluta qabel jingħata permess mill-Pulizija, li min ikun qiegħed jaħraq in-nar irid ikollu fil-viċinanzi vetturi tat-tifi tan-nar, li jrid jaċċerta l-għeluq ta' toroq fid-dintorni, li jridu jinżammu distanzi tassattivi u kundizzjonijiet oħrajn li minnhom infushom jindikaw il-perikoložità ta' tali attività. Però dan ma jfissirx li min isegwi*

[18] Deċiża 3.10.2003.

*dawn ir-reġolamenti, jista' f'kull ċirkostanza jiskampa minn kull responsabbilità. Anzi l-ħtieġa ta' kopertura b'polza tal-assigurazzjoni hija indikattiva li jkunu kemm ikunu attenti d-dilettanti tal-logħob tan-nar, xorta waħda jistgħu iseħħu inċidenti, anki minħabba ċerti nuqqasijiet qabel ma jsiru ċerti attivitajiet ...*"[19]

Applikati dawn il-prinċipji legali mħaddna mill-Qrati tagħna in materja għall-kwadru tal-fatti li joħroġ mill-provi proċesswali, il-Qorti hi konvinta illi huwa ppruvat mill-preponderanza tal-provi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilita' illi l-konvenut, għalkemm ħa ħsieb jipprokura l-liċenzi u l-permessi kollha meħtieġa skont il-liġi biex iwettaq l-attivita' piroteknika u ħa ħsieb ukoll jikseb kopertura assigurattiva kif meħtieġ mil-liġi, ma ħax il-prekawzjonijiet kollha raġjonevolment meħtieġa biex jipprevjeni r-riskju inerenti ta' ħsara fit-twettiq ta' din l-attivita', la biex jgħasses l-isparar tal-murtaletti u l-bombi biex jara li dawn sparaw kollha, u jassigura l-presenza ta' vettura tat-tifi tan-nar fuq il-post, u lanqas biex, wara l-ħruq, jispezzjona l-akkwati għal fdalijiet tal-murtali u jiġbor id-debris fejn ikun waqa' l-ġmamar biex jiġi assigurat li ma jaqbadx u jikkaġuna l-ħsara lil terzi.

In-nuqqasijiet tal-konvenut għalhekk jitqiesu bħala l-kawża unika tad-dannu konsegwit mill-fatt illeċitu ossia ommissjoni tiegħu stess.

Għandu jingħad ukoll, in konklużjoni, illi huwa eskluż b'mod assolut illi l-inċendju mertu ta' din il-kawża kien xi każ fortuwitu jew koinċidenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Lorenza Attard et vs. Charles Mangion et** jingħad[20]:

"*In tema legali jiġi osservat li fil-kawża App.Inf. [PS]* ***Alfred Delia vs. Segretarju Permanenti et****, 19.05.2004, ġie ritenut li l-każ fortuwitu huwa dak l-avveniment li meta setax ikun prevedut minn persuna ta' diliġenza ordinarja [App.Ċ.,* ***Borg Falzon vs. Darmanin****, Vol.XXX.I.869]. Biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun*

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 25.10.2017.
[20] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22.03.2005.

*hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma meħtieġ li jkun inevitabbli b'mod li ma jistax jiġi evitat b'diliġenza ordinarja tal-bonus pater familias [P.A.,* ***Micallef vs. McCance****, Vol.XXXVII.II.637; App.****Carmelo Micallef vs. Direttur tax-Xogħolijiet*** *28.02.2001].*

"*Biex ikun hemm il-każ fortuwitu jrid ikun hemm [1] event li ma jiddependix mill-fatt tad-debitur, [2] event imprevedibili u [3] inevitabbli [App.K.,* ***Raymond vs. Busuttil****, Vol.XXXI.i.554; App.Ċ.,* ***Azzopardi vs. Arcicovich****, Vol.XXIV.172].*

Ikkunsidrat;

Illi stabbilit il-ħtija tal-konvenut għas-sinistru li kkaġuna danni lill-atturi, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel l-istħarriġ meħtieġ biex mill-provi akkwiżiti, tistabbilixxi u tikkwantifika d-danni sofferti mill-atturi.

L-atturi jsostnu illi fl-inċendju inħarqu u ġew distrutti kompletament tnejn mit-tliet serer li kien hemm fl-għalqa. Il-fatt illi t-tielet serra ma ġietx imġarrfa bin-nirien li ħakmu l-għalqa, huwa stabbilit sija mit-testimonjanza ta' diversi xiehda li xehdu quddiem il-Qorti[21] u sija wkoll mir-ritratt li ġie esebit mill-konvenut innifsu[22] fejn jidher li kien biss l-għata tal-plastik tal-istess serra li ġarrbet il-ħsara. Charlton Grima, li kien inkarigat mill-attur biex jispezzjona s-serer wara l-inċendju u jagħti stima tal-ispejjeż li jridu jintefqu għar-riparazzjoni jew rimpjazzament tal-ħwejjeġ imħassrin, xehed illi kien biss il-plastik ta' din it-tielet serra li kien inħaraq u kellu jinbidel[23].

Fil-fatt, l-istima li l-atturi kisbu mingħand Charlton Grima tal-ispejjeż li jridu jintefqu biex jissewwew il-ħsarat fis-serer, tipprospetta r-rimpjazzament ta' żewġ serer biss ("*Removal of existing 2 tunnels*" u "*Supply and installation of 2 tunnels complete with plastic...*") u mhux tlieta. Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ serer, jirriżulta

[21] Xhieda tal-attriċi Alexandra Spagnol 16.6.2022 ("*salvaw nofsha*"); xhieda ta' ARO 45 George Micallef 6.10.2022.
[22] Paġna 203 tal-atti tal-kawża.
[23] Xhieda ta' Charlton Grima 30.11.2022 "*it-tielet sera għax hemm il-plastik ma kienx imqatta' għal kollox imma xorta jrid jinbidel il-plastik...*"

inkonfutabbilment illi dawn iġġarrfu kompletament u l-plastik tagħhom kien inħaraq kollu[24]. Charlton Grima xehed[25] illi l-ħadid ta' żewġ serer kien inħaraq u ma baqax tajjeb u kapaċi biex jibqa' jintuża għall-istess skop.

L-abbli avukat tal-konvenut argomenta fit-trattazzjoni illi l-konvenut ma jistax jiġi kkundannat iħallas għal għata tal-plastik ġdid għas-serer peress illi huwa stabiblit mill-provi illi l-plastik tas-serer iservi ċirka tlieta u tletin xahar u l-aħħar darba li dan kien inbidel mill-atturi kien madwar sena u nofs qabel. Ġie sottomess illi l-fatt illi l-plastik tas-serer kien fi kwalsiasi każ wasal biex jinbidel għandu jfisser illi l-atturi m'għandhomx jedd li jiġu kumpensati għall-ħsara fil-plastik tas-serer.

Iżda fil-fehma tal-Qorti l-fatt illi l-plastik tas-serer seta' ma kienx għadu ġdid, m'huwiex biżżejjed, waħdu, biex iġib fix-xejn l-obbligu tal-konvenut li jagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrab il-plastik tat-tliet serer. Dan qed jingħad għaliex Charlton Grima xehed illi għalkemm tassew il-plastik tas-serer ġeneralment ikun wasal biex jiġi rimpjazzat wara 33 xahar, xehed ukoll illi din hija biss regola ġenerali u ma jfissirx li l-plastik ikun spiċċa jew ma jistax jibqa' jintuża utilment anke għal snin sħaħ. Magħdud dan il-fatt illi ma hemm xejn fl-atti u fil-provi li juri li l-plastik tas-serer ma kienx għadu tajjeb biex jibqa' jintuża fis-serer jew li l-atturi kienu bi ħsiebhom jibdluh imminentement. Għalkemm huwa minnu illi l-fatturi esebiti minn Charlton Grima[26] juru li l-atturi jew min minnhom xtraw plastik kull sena bejn is-sena 2014 u l-2017, ma hemm xejn li juri li dan il-materjal inxtara kull sena biss għas-serer fil-għalqa mertu tal-kawża u mhux għal serer oħrajn li l-attur Joseph Fenech qal li kellu f'raba' ieħor fl-istess akkwati[27].

Għaldaqstant, il-Qorti hija sodisfatta illi biex l-atturi jerġgħu jitqiegħdu fl-istat li kienu fih qabel l-event dannuż li għarraq is-serer tagħhom, il-konvenut għandu jagħmel tajjeb mhux biss għall-prezz tar-rimpjazzar tal-ħadid tas-serer, iżda wkoll għall-

[24] Ara xhieda ta' PS 2379 Stephanie Zammit tas- 6.10.2022: "*Żewġ serer saru "biċċiet tal-ħadid, jiġifieri qas niddiskrivihom bħala serer jien personalment*".
[25] Xhieda tat-8.11.2023.
[26] Dok. CGX, 8.10.2023.
[27] Ara xhieda ta' Joseph Fenech, 2.2.2023.

ispejjeż meħtieġa biex is-serer jinksew bi plastik ġdid. Jiġi osservat ukoll illi fir-ritratt esebit mill-konvenut Benny Dingli[28], il-wiċċ tal-għalqa fiż-żona fejn jinsabu ż-żewġ serer li ġġarrfu, huwa kollu maħruq u għalhekk l-ispiża ta' "*various pipes and watering fittings*" tas-serer, li evidentement iġġarfu wkoll, jidher li hija ġustifikata.

L-atturi pproduċew żewġ stimi tal-ispejjeż riparatorji ossia d-danni pretiżi minnhom f'din il-kawża, entrambi maħruġin minn Charlton Grima, waħda datata 20 ta' Lulju 2021 (Dok. A) fis-somma globali ta' €10,915, u l-oħra datata 18 ta' Novembru 2022 (Dok. CG1) fis-somma globali ta' €11,682, liema stimi jirriferu għall-istess materjal u tagħmir. Id-differenza fil-prezz tirrappreżenta, skont Charlton Grima, varjazzjoni fil-prezz fis-suq. Mhux kontestat illi sal-lum is-serer għadhom fl-istess stat ta' tiġrif u baqgħu ma ġewx rimpjazzati.

Ma jirriżultax li kien hemm xi impediment li żamm lill-atturi milli jagħmlu r-riparazzjonijiet fis-serer wara li sofrew il-ħsara bl-inċendju. Għaldaqstant, **billi l-jedd għall-ħlas tad-danni jinsorġi mal-okkorrenza tal-event dannuż u xejn ma kien iżomm lill-atturi dak iż-żmien milli jsewwu l-ħsarat u jevitaw żieda fil-prezz tax-xogħol u materjal tat-tiswija,** il-Qorti tqis li ma jkunx ġust għall-konvenut li jiġi ordnat iħallas rati għax-xogħolijiet riparatorji kif applikabbli llum, meta l-prezzijiet fis-suq jirriżulta li huma ogħla minn dawk applikabbli fiż-żmien meta ġiet ikkawżata l-ħsara.

Wara kollox, l-atturi bħala d-danneġġjati huma obbligati jagħmlu dak kollu li hu raġjonevoli biex jiġu minimizzati d-danni li d-danneġġjant għandu jagħmel tajjeb għalihom. Dan bl-applikazzjoni tal-prinċipju tad-dritt ben aċċettat fil-kamp tar-riżarċiment tad-danni, li d-danneġġjat huwa marbut jadotta dawk il-miżuri kollha raġjonevoli biex jimmitiga t-telf li jkun ġarrab, u jekk jirriżulta li ma jkunx ha dawk il-miżuri, allura dak in-nuqqas għandu jirriżolvi ruħu fi tnaqqis korrispondenti tal-*quantum* tad-danni.

---

[28] Paġna 203 tal-atti tal-kawża.

Għaldaqstant, anke billi ma ntweriex li r-rati indikati fl-istima Dok. A[29] m'humiex raġjonevoli jew eċċessivi meta mqabbel mal-prezzijiet fis-suq fiż-żmien tal-ħsara, il-Qorti sejra tillikwida l-ispejjeż meħtieġa għar-riparazzjoni tad-danni kaġunati mill-konvenut fis-somma ta' €10,915.

Ikkunsidrat;

Illi l-atturi jirreklamaw ukoll danni in linea ta' telf ta' profitti minħabba l-ħruq tal-wiċċ tal-għalqa u t-telfien tal-ħaxix kollu li kien hemm miżrugħ. Isostnu illi fis-serer kienu jkabbru tadam (*cherry tomatoes*) u qarabagħli. L-attur Joseph Fenech xehed illi huwa jaqla' l-għajxien tiegħu bħala bidwi *full-time* u dan mill-bejgħ tal-prodott tar-raba' maħdum minnu u ddikjara li kemm ilu li nħarqu s-serer u l-ħaxix li kien hemm fihom, dawn baqgħu vojta għaliex qed jistenna lill-konvenut jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tat-tiswija. Sostna wkoll li qed jitlef ċirka €4,000 fis-sena fi qligħ. In sostenn ta' din il-pretensjoni, l-atturi ressqu bħala prova fl-atti proċesswali, dikjarazzjoni ta' Malcolm Borg mill-Għaqda Bdiewa Attivi fejn ikkalkula illi l-qligħ nett minn kull serra bbażat fuq staġun wieħed fejn il-prodott huwa tadam, huwa fis-somma ta' €7,970[30].

Il-Qorti ma taqbilx li l-atturi seħħilhom jipprovaw kif imiss il-pretensjoni tagħhom għall-ħlas tad-danni konsistenti fit-telf tal-qligħ mill-prodott fis-serer. Ibda biex l-attur Joseph Fenech jaqbel illi meta seħħ l-inċendju li għarraq is-serer, il-prodott miżrugħ fis-serer kien wasal fl-aħħar tiegħu għaliex "*ix-xogħol tiegħu kien diġa għamlu*" u ma kienx għad fadal wisq x'jinħasad. Ikkonferma wkoll illi l-prodott kien jinsab fl-istess stat li jidher li kien fih il-ħaxix fis-serra li ma nħarqitx, kif muri fir-ritratt esebit mill-konvenut[31]. Għaldaqstant, mhux ippruvat kif imiss l-allegazzjoni li l-atturi tilfu minħabba n-nirien prodott li kellu xi valur, wisq inqas valur ta' €4,000.

Fir-rigward tal-dikjarazzjoni ta' Malcolm Borg, il-Qorti tosserva illi minbarra l-fatt illi din m'hijiex maħlufa kif imiss, huwa qatt ma ġie prodott biex jixhed dwar il-kalkoli

[29] Paġna 3 tal-atti tal-kawża.
[30] Dok. MB1, paġna 117 tal-atti tal-kawża.
[31] Paġna 203 tal-atti tal-kawża.

tiegħu bil-ġurament quddiem il-Qorti.  Għaldaqstant, m'hijiex sejra tagħti valur probatorju lil din id-dikjarazzjoni.  F'kull każ, ma jirriżultax li l-kalkoli li saru f'din id-dikjarazzjoni ġew ibbażati fuq ċifri rejali u konkreti provduti mill-atturi f'dak li għandu x'jaqsam mad-daqs tas-serer tagħhom, l-ispejjeż tal-manutenzjoni attwalment minfuqa minnhom kull staġun, il-piż tal-ħasda totali u d-dħul attwali ta' kull staġun, biex minn dawn iċ-ċifri seta' jinħareġ medju tal-qligħ ta' staġun wieħed.  Mankanti prova oħra tal-qligħ iġġenerat mis-serer tal-atturi fis-sena jew fi staġun, bħal per eżempju prova formali tad-dħul dikjarat mill-atturi mal-awtoritajiet kompetenti, il-pretensjoni għall-ħlas tad-danni in linea ta' telf tal-qligħ, ma tistax tirnexxi.

Magħdud dan ukoll il-fatt illi, kif diġa' stabbilit, l-atturi ma kienux preklużi milli jirranġaw il-ħsarat fis-serer u jirriġeneraw l-għalqa, talanqas in parti, biex ikomplu jeżerċitaw in-negozju tagħhom.  Għall-Qorti l-inerzja totali murija mill-atturi li dikjaratament ma għamlux ix-xogħol riparatorju fl-għalqa għaliex qegħdin jistennew li jiġu kkumpensati mill-konvenut u l-assiguraturi tiegħu, m'hijiex kompatibbli mal-obbligu tagħhom bħala danneġġjati, li jagħmlu dak kollu raġjonevolment mistennija minnhom biex jimminizzaw id-danni minnhom sofferti, u dan naturalment, isarraf fi preġudizzju għall-konvenut.  Din il-fehma hi ulterjorment imsaħħa mid-dikjarazzjoni reġistrata mill-istess atturi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2023 illi "*bi ħsiebhom jirrimedjaw il-ħsarat sofferti fil-proprjeta' in kwistjoni fil-ġimgħat li ġejjin*".

Għaldaqstant, it-talba tal-atturi għall-ħlas tad-danni in kwantu msejsa fuq telf ta' profitti tal-uċuħ tar-raba', ser tiġi miċħuda.

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut Benny Dingli fl-ewwel paragrafu tar-Risposta tiegħu jesiġi li l-atturi jippruvaw li huma l-proprjetarji flimkien tal-għalqa fejn seħħet il-ħsara.

Il-Qorti bla tlaqliq tgħid li din il-prova m'hijiex indispensabbli u lanqas neċessarja għas-suċċess tal-azzjoni għad-danni esperita mill-atturi.  L-atturi qed jitolbu l-ħlas tad-

danni konsistenti fil-ħsarat imġarrba fis-serer tagħhom u fit-telf tal-profitti li kienu jagħmlu mill-uċuħ tar-raba' u għalhekk hija biżżejjed il-prova li huma l-proprjetarji tas-serer li ġarrbu l-ħsara u li kienu jagħmlu profitti mill-prodotti agrikoli fl-għalqa fejn jinsabu sitwati dawn is-serer. Għal dan il-għan mhux meħtieġ il-prova tal-proprjeta' tar-raba' fejn seħħet il-ħsara, iżda biss il-prova li kellhom titolu leġittimu fuq l-art fejn istallaw is-serer u li minnha eżerċitaw attivita' agrikola għall-qligħ.

Fir-rigward, Joseph Fenech, l-attur, xehed illi r-raba' in diżamina jinsab fil-pussess tiegħu u tan-neputija tiegħu l-attriċi Alexandra Spagnol u jaħdmuh taħt titolu ta' qbiela mingħand il-Gvern. L-attur t-tnejn xehdu li jaħdmu dan ir-raba' flimkien, huma reġistrati ma' JobsPlus bħala *full-time farmers* u n-negozju agrikola tagħhom jinsab reġistrat f'isimhom konġunt bin-numru tat-taxxa fuq il-valur miżjud MT23081612. Alexandra Spagnol xehdet ukoll li hija awtorizzata mill-awtoritajiet kompetenti (Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta) biex taħdem flimkien ma' żijuha ir-raba' mqabbla lilu.

Huwa minnu li ma nġabitx prova speċifika u konklussiva tat-titolu tal-qbiela tal-attur Joseph Fenech iżda l-Qorti tqis li x-xhieda bil-ġurament tal-atturi fir-rigward, liema xhieda ma ġietx kontradetta jew kontestata b'mod pożittiv, hija suffiċjenti. Dan qed jingħad ukoll għaliex mid-dokumenti li ġew esebiti fl-atti proċesswali, ossia l-kopja tal-applikazzjoni maħruġa mill-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (Dok. AS8) li, skont kif jidher minn tagħrif li jinsab fid-demanju pubbliku, tirregola l-koltivazzjoni u ħidma ta' art agrikola minn bdiewa ġenwini, jirriżulta illi l-atturi flimkien applikaw għal pagamenti agrikoli taħt numru ta' skemi ġestiti mill-Aġenzija. Għall-Qorti dan ifisser li ż-żewġ atturi huma bdiewa reġistrati li jaqilgħu l-għajxien mill-ħidma ta' art agrikola, u filwaqt li tassew li m'hemmx prova li din il-ħidma ssir speċifikatament mill-għalqa fejn seħħet il-ħruq, **din il-prova kienet tkun relevanti biss f'każ li l-Qorti kellha ssib li l-atturi ressqu prova kif imiss tal-jedd għall-ħlas ta' danni konsistenti fit-telf ta' profitti min-negozju agrikola tagħhom ġestit mill-għalqa in kwistjoni. Prova li, kif rajna, l-atturi baqgħu ma ressqux fil-grad meħtieġ.**

**Iżda billi ġie debitament u sodisfaċjentement ippruvat mix-xhieda ta' Charlton Grima illi ż-żewġ atturi kienu jqabbduh perijodikalment biex jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa fuq is-serer tagħhom, għal-Qorti din hija prova biżżejjed li s-serer fl-għalqa in diżamina fejn seħħ il-ħruq, kienu tal-atturi.**

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' Global Insurance Brokers Ltd fir-Risposta tagħha u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju għaliex m'hijiex leġittimu kontradittur tat-talbiet tal-atturi fir-Rikors, u filwaqt li tiċħad it-tielet u l-ħames eċċezzjonijiet fir-Risposta tal-konvenut l-ieħor u tilqa' l-eċċezzjonijiet l-oħra tiegħu biss safejn huma kompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' parzjalment it-talba tal-atturi JOSEPH FENECH u ALEXANDRA SPAGNOL, billi tikkundanna lil BENNY DINGLI F'ISMU PROPRJU U IN RAPPREŻENTANZA TAL-KAMRA TAN-NAR TAL-IMQABBA (TAL-ĠILJU) iħallas lill-istess atturi *in solidum* is-somma ta' għaxart elef disa' mija u ħmistax-il Euro (€10,915.00), rappreżentanti danni kkaġunati minn ħruq li seħħ fir-raba' fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Ħaż Żabbar fil-11 ta' Lulju 2021.**

**L-ispejjeż ibatihom il-konvenut Benny Dingli f'ismu proprju u in rappreżentanza tal-Kamra tan-Nar tal-Imqabba (Tal-Ġilju), għajr għall-ispejjeż tas-soċjeta' konvenuta Global Insurance Brokers Ltd, li għandhom jitħallsu mill-atturi *in solidum.***

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**